**DH 195/2023** **HR/MFH Circular No. 2/2023**

Divizjoni tal-People Management,
Ministeru għas-Saħħa,
Palazzo Castellania,
15, Triq Merkanti,
Valletta, VLT 1171

13 ta' Jannar 2023

To: Lis-Segretarji Permanenti
Diretturi Ġenerali
Chairpersons Kliniċi
Diretturi

**PROMOZZJONI TA' GENERAL PRACTITIONER TRAINEE GĦAL GENERAL PRACTITIONER FIL-MINISTERU GĦAS-SAĦĦA**

## 1. Preambolu

Skont il-Ftehim Kollettiv iffirmat bejn il-Gvern ta' Malta u l-Assoċjazzjoni Medika ta' Malta (MAM) iffirmat fit-18 ta' Frar 2022, il-Ministeru għas-Saħħa jistieden lill-Uffiċjali Pubbliċi fil-grad ta' General Practitioner Trainee 2 (Skala ta' Salarju 7), li jkunu fil-pussess ta' Ċertifikat ta' Speċjalist Mediku fil-Mediċina tal-Familja mill-Kumitat ta' Malta tal-Akkreditazzjoni tal-Ispeċjalisti, b'hekk b'dan jiġu eliġibbli għar-reġistrazzjoni bħal speċjalist fil-Mediċina tal-Familja mal-Kunsill Mediku ta' Malta biex jesprimu interess li jersqu għall-intervista biex jiġu promossi għall-grad ta' General Practitioner.

Qed jiġi kkjarifikat li l-onus li wieħed jinforma lid-Direttorat/i bl-inklużjoni fir-Reġistru tal-Ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta jaqa' fuq l-uffiċjal individwali li jkun ottjena tali rikonoxximent ta' speċjalist.

## 2. Rekwiżiti tal-Eliġibbilta`

2.1. Kandidati li jissottomettu l-interess tagħhom biex jiġu intervistati jkollhom bżonn li:

(i) jkunu mniżżla fil-lista tar-Reġistru tal-Ispeċjalisti tal-Mediċina tal-Familja miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

(ii) jkunu approvati għall-inklużjoni fir-Reġistru tal-Ispeċjalisti tal-Mediċina tal-Familja miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

(iii) (a) ikunu fil-pussess ta' Ċertifikat ta' Tlestija tat-Taħriġ (CCT) maħruġ mill-Kumitat ta' Malta tal-Akkreditazzjoni tal-Ispeċjalisti għall-Mediċina tal-Familja, li turi li l-applikant lesta tali taħriġ speċjalizzat hekk kif jista' ikun ippreskrivat għall-ispeċjalita` rilevanti; jew

(b) ikun fil-pussess ta' kwalifika ta' speċjalist ekwivalenti għas-CCT għall-Mediċina tal-Familja, li kienet ħarġet mill-awtorita` kompetenti fi Stat Membru ieħor tal-UE, hekk kif imniżżel f'Parti 1b tat-Tieni Skeda tal-Att ta' Malta tal-Professsjoni tal-Kura tas-Saħħa; jew

(c) ikunu fil-pussess ta' kwalunkwe kwalifika oħra ta' speċjalist dment li din trid tkun akkumpanjata b'dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-Kumitat ta' Malta tal-Akkreditazzjoni tal-iSpeċjalisti, li tgħid li l-kwalifiċi/ esperjenza huma suffiċjenti li tabib ikun irreġistrat mal-Kunsill Mediku ta' Malta bħala speċjalist fil-Mediċina tal-Familja.

2.2. Kandidati li jtemmu b'suċċess, eliġibbli taħt paragrafu 2.1. (iii) (b) u 2.1 (iii) (c) hawn fuq għandhom ikunu mniżżla fir-Reġistru ta' Speċjalist għall-Mediċina tal-Familja miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta qabel il-ħatra.

2.3. Kandidati li japplikaw fit-termini ta' paragrafu 2.1(iii) (b) u paragrafu 2.1(iii) (c) hawn fuq iridu jottjenu dikjarazzjoni ta' rikonoxximent mill-Kumitat ta' Malta tal-Akkreditazzjoni tal-Ispeċjalisti li tikkonferma li l-kwalifika tagħhom tista' tkun ikkunsidrata bħala ekwivalenti għaċ- Ċertifikat ta' Tlestija tat-Taħriġ (CCT) ta' Malta.

2.4. Kandidati li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 2.1 (iii) (b) jew paragrafu 2.1(iii) (c) u li huma meħtieġa li jippreżentaw dikjarazzjoni mill-Kumitat tal-Akkreditazzjoni tal-iSpeċjalisti hekk kif speċifikat hemm, għandhom jinkludi kopja ta' dik id-dikjarazzjoni mal-applikazzjoni tagħhom u jippreżentaw l-oriġinali waqt l-intervista. Kandidati mhux fil-pussess tad-dikjarazzjoni meħtieġa, xorta jistgħu japplikaw, dment li jissottomettu kopja tad-dikjarazzjoni hekk kif tkun disponibbli, u fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li jonqsu milli jippreżentaw din id-dikjarazzjoni meħtieġa fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni ta' dan il-limitu ta' żmien b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu, għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

## 3. Publikazzjoni tar-riżultat u proċess tal-appelli

3.1. Ir-riżultat tal-proċess tal-għażla huwa approvat mis-Segretarju Permanenti, u d-data tal-ħatra tkun skont l-approvazzjoni tas-Segretarju Permanenti, skont il-proċedura standard.

3.2. Fir-rispett għall-mekkaniżmi tal-appelli, kandidati li mhumiex aċċettati għall-promozzjoni u li jixtiequ jissottomettu appell, għandhom jagħmlu hekk direttament lill-Kummissjoni. L-appell ikun rreferut għall-Bord tal-Appelli mill-Kummissjoni, u l-irwol tal-Bord tal-Appelli ikun li jagħti parir lill-Kummissjoni jekk l-appell għandux jiġi aċċettat jew le. Id-deċiżjoni finali tittieħed mill-Kummissjoni, li wkoll tikkomunika dik id-deċiżjoni lill-appellant.

## 4. Sottomissjoni tal-Espressjoni ta' Interess

4.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Diviżjoni tal-*People Management*, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq Merkanti, Valletta VLT 1171, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Il- GP47 għandha tintalab mill-unita' tal-HR tal ministeru/dipartiment li jkun qed joħrog is-Sejha għall-Applikazzjoni. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija **Nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew*)* ta' nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Gunju, 2023.** Ittra elettronika ġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provedimenti ġenerali msemmija hawn isfel. Se jsiru żewġ proċessi tal-għażla. Il-proċess tal-għażla jikkunsidra applikazzjonijiet li jaslu sal-Ħin Ċentrali Ewropew ta' dawn id-dati imsemmija hawn taħt:

**17.15hrs (Ħin Ċentrali Ewropew) tat-Tnejn, 03 ta' April 2023**
**Nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa 30 ta' Ġunju 2023.**

L-applikazzjonijiet rċevuti għad-dati speċifikati hawn fuq se jiġu ggruppjati f'żewġ proċessi tal-għażla.

4.2 Applikanti jingħataw sa żewġ ġranet tax-xogħol (2) wara d-data tal-għeluq jew sa żewġ ġranet tax-xogħol (2) mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar; biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa

4.3 Iċ-ċertifikati oriġinali u/jew dokumenti għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt lintervista għal verifikazzjoni.

4.4 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

4.5 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

## 5. Provvedimenti Ġenerali Oħra

Provvedimenti ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilita`;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- eżami mediku;
- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
- żamma ta' dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards fl-indirizz (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa, Palazzo Castellania, 15, Triq Merkanti, Valletta, VLT 1171. Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku tal-Ministeru għas-Saħħa huwa https://deputyprimeminister.gov.mt, in-numru tal-fax huwa +356 22992604 u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huwa recruitment.health@gov.mt.

Maureen Mahoney
Direttur Ġenerali (People Management)
għas-Segretarju Permanenti

| | |
|---|---|
| Ministry / Department : | Ministry for Health |
| Contact Persons : | Maureen Mahoney Director General (People Management) |
| Address : | Palazzo Castellania, 15 Merchants Street, Valletta VLT 1171 |
| Telephone : | +356 22992604 |
| Email address : | recruitment.health@gov.mt |